MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tat-23 ta' April, 2008

Numru. 291/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Angelo Gafa)**

**Vs**

**Clint Micallef ta' 23 sena bin Angodei u Mary Grace nee` Micallef, imwieled Pieta fl-20 ta' Settembru 1984, residenti f'Numru 10, Triq Gulliermu, Bormla, u detentur tal-Karta ta' l-Identita` bin-numru 486884(M).**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Clint Micallef u cioe` talli f'dawn il-Gzejjer, fit-18 ta' Jannar 2008 u fix-xhur ta' qabel, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda , iffalsifika jew biddel, minghajr il-kunsens tas-sid, l-ismijiet, il-marki jew is-sinjali

distintivi tax-xoghol tal-mohh, jew tal-prodott ta’ industrija, jew xjentament, ghamel uzu ta’ dawn l—ismijiet, marki jew sinjali iffalsifikati jew imbiddlin, ukjoll jekk minn haddiehor, minghajr il-kunsens tas-sid;

kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, xjentament qieghed fic-cirkolazzjoni biegh jew zamm ghandu ghall-bejgh jew importa ghall-hsieb ta’ kummerc, merkanzija b’marka, sinjal, jew emblema imxebbhin  b’qerq u cioe` optical diskettes konsistenti f’DVDs;

u aktar talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanz, ghal qligh, jew bi skjop ta’ kummerc, stampa, immanifattura, idduplika, jew mod iehor irriproduca jew ikkopja, jew biegh, qassam, jew mod iehor offra ghall-bejgh, jew biex jitqassam, xi artikolu jew xi haga bi ksur tal-jeddijiet li johrogu mid-drittijiet ta’ l-awtur li jkollha persuna ohra u protetti bil-ligi f’Malta jw tahtha;

kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, ghal qligh, jew tqassim jw ghall-wiri f’post pubbliku jew f’post accessibbli ghall-pubb, immanifattura, stampa jew xort’ohra ghamel, jew dahhal f’Malta, jew akkwista, zammi, iccirkola jew Esporta xi stampat, tpingija, ritratt , film ktieb, kartolina jew kitba pronografika jew oxxena jew xi oggett iehor, iklu li jkun pornografiku jew oxen, kemm jekk jixbah li dawn hawn fuq kemm jekk le, ukoll jekk dak in-negozju sar bil-mohbi;

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat il-kunsens ta’l-Avukat Generali tat-8 ta’ Awissu 2006 sabiex dana il-kaz jigi itrattat bil-procedura sommarja.

Semghet l-ammissjoni maghmula mill-imputat ghall-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, liema ammissjoni giet riaffermata wara li l-Qorti tatu zmien ragjonevoli sabiex jirrikonsidra l-istess.

Ikkunsidrat,

Illi fid-dawl ta’l-ammissjoni ta’l-imputat u fid-dawl tal-provi migjuba l-Qorti ma tistax hlief issibu hati ta’l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu.

Illi dwar piena, il-Qorti sejra tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija ta’ l-imputat, il-fedina penali nadifa u l-fatt li ikkollabora bis-shih mal-pulizija u anke iddispjachieh ghal dak li ghamel. .

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 18, 298(1)(a)(f) 298B, 208(1)(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b’applikazzjoni ta’ l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta qed tillibera lill-hati bil-kundizzjoni illi huwa ma jikkommettix reat iheor fi zmien tlett (3) snin mil-lum.

Il-Qorti finalment qed tordna l-konfiska ta’ l-oggetti esebiti formalment bhala dokument AG7 u d-distruzzjoni ta’ l-istess u ghal dan il-ghan tordna lill-Kummizzarju tal-Pulizija jaghmel dan.

Il-Qorti qieghda twissi lill-hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkometti reat iehor matul dana il-perijodu ta’ liberazzjoni taht kundizzjoni.`

Il-Qorti tordna wkoll li kopja ta’ din is-sentenza tigi mibghuta lid-Direttor tas-Servizzi tal-Probation.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------